MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2003

Numru 8/1996

IL-PULIZIJA
(Supretendent Martin Bayliss)
(Spettur Mario Bonnici)

VS

NIKOLAI BORG OLIVIER, OLIVER GIORDANO
U ANTOINE MANGION

**Kumpilazzjoni numru 8/96**

**Illum 16 ta' Lulju 2003**

**IL-QORTI**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputati u dan talli t-tlieta flimkien:

1. Fil-15 ta’ Jannar 1996, ghall-habta ta’ bejn it-3.45pm u l-4.15 pm fil-fond “Helpline Limited”, li jinsab fit-Triq Bellavista, kantuniera ma’ Triq san Gwann tal-Gharghar, San Gwann, bil-hsieb li joqtlu lil Jason Mizzi jew li jqieghdu l-hajja tieghu f’periklu car, billi taw diversi daqqiet b’mazez tal-hadid fuq ras Jason Mizzi u billi wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom.

2. Fl-istess data, hin u post, volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

3. Fl-istess data, hin u post, it-tlieta kellhom fil-pussess taghhom mazez tal-hadid, liema mazez aktar tard gew uzati bhala armi regolari sabiex gie msawwat bihom Jason Mizzi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol 311) li biha deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputati a bazi ta’ din il-kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fil-konfront tal-imputati kollha:

a) Fl-artikoli 216 (1) (a) (b) (c) (d), 217 tal-Kodici Kriminali.
b) Fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali.
c) Fl-artikoli 63, 64 u 65 tal-Kodici Kriminali.

Iddecieda li jibghat lill-istess tlett imputati sabiex jigu ggudikati minn din l-istess Qorti bhala wahda ta’ Gudikatura Kriminali f’nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-istess imputati.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx tali oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzati, minn jeddhom.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-istess akkuzati, in ezami, kontro ezami, kif ukoll rat id-dokumenti esebiti minnhom.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fil-5 ta' Jannar 1996 ghall-habta tal-5.00pm l-ispettur (illum Supretendent) Martin Bayliss (ara fol 30 et seq ibid) kien gie nformat li kien inqala l-incident in ezami fil-post li ghandha d-ditta "Helpline Limited" go Triq Bellavista f'San Gwann. Hemmhekk huwa sab li kien hemm dmija mal-art kif ukoll gakketta ta' kulur mustarda u mimlija demm. In oltre hu tkellem, fl-istess post, ma' zewg impjegati, Joseph Genovese u Julie Ghirxi li nformawh li kienu dahlu tlieta minn nies sabiex jitkellmu mad-direttur Jason Mizzi, in konnessjoni ma' sub appalt li gie esegwit minnhom ghall-istess socjeta. In oltre, l-istess tlett persuni allegatament kienu taw "xebgha mazza" lill-istess Jason Mizzi. L-ufficjal prosekutur kien inghata l-ismijiet tat-tlett persuni nvoluti, li kienu it-tlett akkuzati odjerni.

In oltre Jason Mizzi kien gie rikoverat fl-isptar san Luqa u l-istess Supretendent Martin Bayliss kien tkellem mieghu, "b'mod hafif", dwar l-akkadut u mat-tabiba Tania Melillo (ara l-anness certifikat mediku mmarkat Dok MB1 a fol 43 tal-atti kif ukoll fol 62 et seq ibid). Jidher minn dan ic-certifikat li l-istess Jason Mizzi kien qed ibati minn feriti gravi f'rasu u kien hemm periklu li jitlef hajtu.

Hawnhekk jidher li kien diga gie arrestat wiehed mill-akkuzati, cioe Oliver Giordano li, debitament imwissi, kien stqarr, verbalment, mal-istess supretendent Martin Bayliss, illi hu kien mar fl-imsemmi ufficju sabiex jitkellem mal-istess Jason Mizzi, izda kien ha mazza mieghu, minhabba incident iehor li kien gara ftit granet qabel f'Burmarrad, fejn allegatament, il-ferut kien saq karozza fid-direzzjoni tieghu u tal-akkuzati l-ohrajn. Hawnhekk fuq informazzjoni moghtija minn dan l-akkuzat lill-pulizija, il-pulizija, presenti l-istess akkuzat u esperti nominati fl-inkjesta, kienu elevaw, minn kaxxa kontenenti ghodda li kienet gewwa 'van' appartenenti lil dan l-akkuzat, mazza li allegatament intuzat f'dan l-incident, f'liema kaxxa kien hemm zewg mazez ohrajn.

Fl-istess perjodu ta' min jghid li kienu gew arrestati l-akkuzati l-ohrajn u kollha kemm huma rrilaxxaw stqarrija bil-miktub (ara fol 44, fol 46 u fol 48 tal-istess atti). Hawnhekk jigi nnotat li fl-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Antoine Mangion jinghad li t-tlett mazez gia msemmija, “kienu kollha kemm huma ttiehdu fuq il-post tal-incident ...” L-istess Supretendent Martin Bayliss kien semma wkoll li waqt it-tfittxija fir-residenza tal-akkuzat Nikolai Borg Olivier, kienet giet elevata lembuba. Hu semma wkoll li Julie Ghirxi kienet tat lilu certifikat mediku minn fejn kien jidher li kienet qed tbati minn ‘anxiety memories’ (ara fol 51 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk jkun opportun li ssir referenza ghal provi medici prodotti. Diga saret referenza ghall certifikat mediku mmarkat Dok MB1 a fol 43 ibid. Dwar Jason Mizzi jidher li skond kif xehed it-tabib Anthony Zrinzo, newrokirurgu (fol 65 u 353 et seq ibid) dan kellu ‘compound depressed fracture’ f’rasu fuq ix-xellug, li kienet tinnecessita operazzjoni kirurgika. Dwar din il-ferita hu semma li kienet kompatibbli ma’ bniedem jolqot oggett fit-tond bhal l-oggetti li ssemmew (a fol 354 ibid). L-istess tabib ikkostata li Jason Mizzi kien qed jitkellem u kien orjentat izda “b’ilsienu naqra tqil” u kien qed jaghlaq idu l-leminija b’diffikulta, oltre li kellu farrett fuq in-naha tax-xellug tal-geddum kif ukoll iehor antik li kien gie mehjut xi granet qabel, oltre tnejn ohra fuq in-naha tax-xellug ta’ rasu. Waqt l-operazzjoni, kif deskritta b’mod dettaljat mill-istess tabib, instab li kien hemm kundizzjonijiet f’mohh il-ferut. Jidher li din l-operazzjoni kienet success u l-pazjent irkupra tajjeb hafna, tant li jumejn wara l-istess operazzjoni hu beda jimxi, izda b’diffikulta li jiehu nifs. Pero jigi nnotat wkoll li l-istess pazjent “ghad ghandu l-istess difetti” gia deskritti f’idu msemmija u “id-diffikulta li jlissen kliem”. L-istess tabib ikkonkluda li dawn il-feriti huma ta’ natura gravi izda “.. .. fl-ebda stadju ma stajt nara li Jason Mizzi kien fil-periklu li jista jitlef hajtu” u ghad hemm riskju li dan ikollu accessjonijiet ghal certu perjodu ta’ zmien (ara wkoll ix-xhieda ta’ Dottor Mario Vella a fol

124 et seq ibid kif ukoll dak tal-konsulent it-tabib Dimitri Tabakov a fol 150 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, l-prosekuzzjoni pproduciet diversi xhieda presenti ghal dan l-incident cioe:

a) Joseph Genovese (fol 71 et seq ibid u pagna 5 tal-process verbal) li qal li presenti, oltre l-istess Jason Mizzi u bintu ta' sitt snin, Margot, kien hemm Julie Ghirxi. Ghall-habta tal-4.00pm kien bilqieghda mal-iskrivanija tieghu fl-ufficju, maqsum b'"partition" tal-injam bi hgieg trasparenti u b'Jason Mizzi vicin tieghu. (In rigward l-istess ufficju ara l-pjanta a fol 145 ibid). Meta dan kien hiereg mill-istess ufficju sabiex jitlaq 'l hemm ix-xhud sema "hoss ta' taqbida u xi hadd jaqa". Hawnhekk ix-xhud dar u "rajt lill-istess Jason Mizzi jaqla xi tlitt jew erba' daqqiet," waqt li dan kien mal-art. Dwar dan, ix-xhud specifika li Jason Mizzi kien inghata dawn id-daqqiet "permezz ta' mazza wahda" mill-akkuzat Nikolai Borg Olivier biss, liema mazza kien qed izommha f'idu l-leminja. Wara dan l-akkuzat kien hemm iehor, cioe Oliver Giordano u vicin il-bieb ta' barra it-tielet akkuzat Antoine Mangion. Hawnhekk l-istess akkuzat Oliver Giordano indirizza kliem minaccjuz fil-konfront tax-xhud, testwalment "Stay there because you're next". Ghalhekk ix-xhud sejjah fuq il-post, kemm lill-pulizija kemm ambulanza. Dwar l-akkuzat Oliver Giordano, ix-xhud semma li dan kien gie f'okkazjonijiet ohra jistaqsi ghal Jason Mizzi u dan "ghal xi flus" in konnessjoni ma' xoghol ta' 'gypsium' esegwit mill-akkuzati f'post fil-belt Valletta, maghmul fuq inkarigu tal-istess Jason Mizzi. Ftit sighat wara l-incident, ix-xhud semma li hu l-akkuzat Antoine Mangion kien imminaccjah f'kaz li ".. tigri xi haga lil hija z-zghir, wiehed, wiehed, kollha insibkom".

b) Julie Ghirxi (fol 77 u fol 82 et seq ibid) spjegat li hi kienet tahdem mad-ditta gestita mill-istess Jason Mizzi bhala 'receptionist'. Fil-gurnata in kwistjoni, ghall-habta tal-4.00pm hi kienet bilqieghda mat-tifla ta' Jason Mizzi wara l-iskrivanija taghha, li hi pjuttost gholja. Hawnhekk u ghall-gharrieda, kif Jason Mizzi kien hiereg ma' bintu, hi

rat persuna b'martell ("hammer") f'idu, aktarx ix-xellugija, liema persuna mminaccjat, bl-ingliz, lil Joseph Genovese. Sadanittant hi rat wkoll li Jason Mizzi kien mal-art quddiem l-iskrivanija taghha waqt li semghet hoss deskritt, fi kliemha stess bhala ".. a person smashing coconuts" minghajr pero, ma setghet tghid x'kien il-kawza ta' dan il-hoss, in vista li kif diga nghad l-iskrivanija taghha kienet gholja u hi kienet qed tiehu hsieb it-tifla ta' Jason Mizzi. In rgward l-ewwel persuna li rat, u li kellu dik il-bicca ghodda hawn fuq imsemmija hi ndikat li kien l-akkuzat Nikolai Borg Olivier. In oltre, minn fejn kienet hi, kienet rat persuna ohra bil-wieqfa vicin il-bieb ta' barra tal-istess ufficcju. Dwar din il-persuna li hi gharfet bhala l-akkuzat Antoine Magnion, hi qalet testwalment " I couldn't see anything in (his) hand ...." u "..I describe him as being one who does not know what he is doing", oltre "I can't really say that he was angry". Fl-ahharnett ix-xhud issottolinejat li, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, hi ma kienitx qed tiekol u torqod u ghalhekk kienet qed tiehu trankwillanti (ara l-anness dok MB 5 a fol 51 tal-atti).

c) Hawnhekk wasalna ghax-xhieda tal-istess Jason Mizzi (fol 181, 253, 306, 342 u 408 et seq ibid). Dan spjega li hu kien jaghmel xoghol, permezz tas-socjeta "Helpline Limited" ta' manutenzjoni ta' djar. Fil-fatt hu kien jaf tnejn mill-akkuzati, cioe Oliver Giordano u Antoine Mangion in konnessjoni ma' xoghol moghti lilhom b'sub appalt, waqt li semma wkoll li qatt ma kien ta xoghol lil Nikolai Borg Olivier. Di fatti dawn kienu ghadhom kemm ghamlu xi xoghol fil-belt Valletta u f'Hal Far li, pero, ma kienx tlesta minnhom u li ma kienx ghadu gie mkejjel in konnessjoni ma' hlas. Dwar l-incident fl-ufficju gewwa san Gwann, il-parti lesa semma li xi tlett ijiem qabel dak in ezami, hu kien mar fil-garage tieghu f'Burmarrad, flimkien mal-gharusa tieghu. Kif fil-fatt, wasal vicin l-istess garage hu kien ra t-tlett akkuzati u wiehed minnhom, cioe Oliver Giordano kien avvicinah u talbu l-flus. Meta l-istess xhud kien qallu li kien gej minghand il-perit, presumibbilment, in konnessjoni ma' kejl ta' xoghol esegwit mill-akkuzati msemmija, Oliver Giordano dagha u ta daqqa ta' sieq fuq il-bieba ta' wara tal-karozza li fiha kien hemm ix-xhud flimkien mat-tfajla tieghu. Hawnhekk, l-akkuzat l-iehor,

Nikolai Borg Olivier kisser il-hgiega ta’ wara tal-istess karozza. Meta gara hekk, ix-xhud mar f’garage iehor fil-vicin sabiex icempel lill-pulizija u waqt l-istess telefonata Oliver Giordano pprova jahtaf it-telefon minn id dan ix-xhud waqt li Nikolai Borg Olivier tah daqqa fuq in-naha ta’ wara ta’ rasu permezz ta’ martell u bhala konsegwenza hareg hafna demm minn rasu. Hawnhekk hu dahal lura fil-karozza tieghu izda t-tlett akkuzati grew warajh u hu pprova jsuq ghal fuqhom bil-quddiem. Minflok jidher li hu indetrjegga l-istess karozza u saq lejn l-ghassa tal-pulizija fil-Mosta fejn ghamel ir-rapport dwar l-akkadut, oltre li sarulu xi punti fil-poliklinika tal-istess lokalita. Wara li semma incident iehor li kien gara madwar sena qabel, li fih kienu nvoluti l-istess akkuzati, ix-xhud irrakonta x’kien gara matul l-ahhar incident, li gara fil-5 ta’ Jannar 1996, ghall-habta tal-4.00pm fl-ufficju msemmi. Waqt li kien qed jitkellem ma’ Joseph Genovese, b’daharhom lejn il-bieb ta’ barra, hu sab lilu nnifsu mal-art f’daqqa wahda. Waqt li kien mal-art kien qed jaqla hafna daqqiet fuq rasu “b’xi haga tqila”. Waqt li kien ghadu mal-art, fuq gembu tal-lemin, hu kien ra lit-tlett irgiel li kienu tawh dawn id-daqqiet waqt li kienu hergin il-barra, liema rgiel gharafhom bhala it-tlett akkuzati . Pero, fuq dan il-punt meta riprododtt in kontro ezami fis-7 ta’ Ottubru 1997, hu xehed testwalment “Jiena fil-fatt ma rajt lil hadd min kien tani d-daqqiet” (ara fol 343 tal-atti). Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, hu semma li kellu jaghti madwar LM450 lill-akkuzati Oliver Giordano u Antoine Mangion “kieku (dawn) lestew ix-xoghol” waqt li ma kellu jaghti xejn lil Nikolai Borg Olivier in vista li dan qatt ma kien inkarigah sabiex jaghmel xi xoghol.

d) Ix-xhud precedenti semma li presenti ghall-incident fil-garage f’Burmarrad, kien hemm mieghu t-tfajla tieghu <u>Claudette Borg</u> (fol 189 u fol 259 et seq ibid). Fil-fatt hi semmiet li kienet presenti ghal zewg incidenti li graw f’Burmarrad, bi spazju ta’ sena bejnithom. Din fis-sustanza kkonfermat dak li xehed Jason Mizzi. Pero ta’ min isemmi li waqt it-tieni incident, li gara madwar tlett ijiem qabel dawk gewwa san Gwann, li ghalih ma kienitx presenti, kienet innotat li Antoine Mangion “kien sempliciment bil-wiefqa vicin il-bieb tal-garage”. Jigi rilevat, in rigward din ix-xhud, li hi kienet presenti gewwa l-

awla ta’ din il-Qorti ghal parti mix-xhieda ta’ Jason Mizzi waqt li dan kien qed jixhed dwar l-incident fl-ufficju tieghu f’san Gwann ghal liema incident hi ma kienetx presenti.

e) Hawnhekk ikun opportun li jsir accenn ghall-provi forensici prodotti mill-prosekuzzjoni in konnessjoni ma’ esperti nominati waqt dawn il-proceduri, inkluza l-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Inkwirenti. A fol 99 jinsab esebit il-‘process verbal’ relattiv ghal dan il-kaz, redatt mill-Magistrat Inkwirenti minn fejn jidher li kienu gew nominati diversi esperti u konfermati minn din il-Qorti fl-istadju tal-istruttorja (ara fol 94 ibid). Fost dak sottomess mill-istess esperti u relevanti ghal dan il-kaz hemm is-segwenti:
1) L-iskizz mhux skalat tal-ufficju msemmi fejn gara l-incident in ezami (fol 145 ibid).
2) Ir-relazzjoni tal-espert forensiku Christopher Farrugia u Mario Mifsud (fol 229 ibid) li analizzaw id-dokumenti deskritti minn pagni 2 sa pagna 4 tal-istess relazzjoni fosthom tlett mazez kif deskritti fuq pagna 4. Bhala konkluzzjoni dawn issottomettew li fuq zarbun elevat, u li allegatament kien jappartjeni lill-akkuzat Oliver Giordano, instabet evidenza ta’ demm uman tal-grupp ‘A’ ossija tal-istess grupp ta’ demm ta’ Jason Mizzi.
3) In rigward impronti kif rizultanti mir-relazzjoni ta’ Joseph Bongailas, nominat minn din il-Qorti bhala espert in materja ta’ komparazzjoni, irrizulta li l-unika impronta elevata ma kienitx tajba ghall-iskop ta’ komparazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif diga inghad, l-akkuzati rrilaxxaw stqarrijiet bil-miktub li jinsabu annessi mal-atti a fol 46 sa 58 seq ibid. In sintesi f’dawn l-istqarrijiet inghad is-segwenti:

a) Antoine Mangion tal-eta ta’ 16 il-sena spjega li kien jesegwixxi xoghol in konnessjoni ma’ soffitti u fid-data tal-incident in ezami, wara li gie terminat xoghol f’Bormla, kien iddecieda li jmur sabiex jitkellem ma’ Jason Mizzi fl-ufficju ta’ dan, in konnessjoni mal-pagament dovut. In oltre kienet ittiehdet d-decizjoni sabiex tittiehed xi bicca ghodda, ossija tlett mazez u kien hu stess li, mill-kaxxa tal-ghodda hareg l-istess mazez. L-istess akkuzat semma

li hu heba l-mazza tieghu taht il-flokk u dahal fl-istess ufficju fejn kien hemm l-istess Jason Mizzi. Hawnhekk gara l-incident u in rigward dan hu ssottometta li "... Jiena ma tajtux daqqiet ... ghax ma stajtx nghaddi" u "izda ridt intih ukoll ....". Wara li spicca l-incident hu kien l-ewwel wiehed li hareg il-barra mill-post . Hu kompla jghid li kien mar fl-istess ufficju sabiex jitkellem ma' Jason Mizzi izda gara l-istess incident waqt li semma, wkoll, li Jason Mizzi ma kellux arma u lanqas dahhal idu fil-but tieghu jew hareg xi haga mill-istess but. In oltre hu ammetta li ried isawwat lil Jason Mizzi anzi spicca biex jghid "Jiddispjacini talli ma hallasniex". U "Nghid ghalija kont sodisfatt" ( ".... b'dak li ghamiltlu").

2) <u>Oliver Giordano</u> irrakonta li kien mar fl-istess ufficju sabiex ikellem lil Jason Mizzi in rigward flus dovuti minn dan, ossija madwar LM700. Hawnhekk l-akkuzat iddecieda li jiehu mieghu mazza minhabba l-incident hawn fuq imsemmi li kien gara xi ftit granet qabel, f'Burmarrad, in rigward liema incident kien ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta wara li kien ghamel l-istess Jason Mizzi u minhabba l-biza li kellu, li Jason Mizzi kellu arma. Kif dahal fl-istess ufficju hu kien ra lil Jason Mizzi jdahhal idu fil-but u johrog oggett kif deskritt minnu u kif ra hekk hu uza l-imsemmija mazza billi "xejjirtielu gewwa rasu jew fuq ghonqu". Meta ghamel hekk, Jason Mizzi waqa mal-art izda meta dan kien ser jerga jqum, dan l-akkuzat gera il-barra mill-ufficju. Hawnhekk jigi sottolinejat li dan l-akkuzat stqarr li Jason Mizzi kellu arma fuqu izda wara qal ukoll "kellu xi haga", u "x'kellu ezatt ma rajthiex" u " Xi haga, ... ma nafx". Jinghad ukoll li ammetta li kien sawwat lil Jason Mizzi b'mazza izda ma riedx li jwegghu jew ikorrieh.

4) <u>Nikolai Borg Olivier</u> fil-bidu ghamel uzu mid-dritt tieghu skond il-ligi sabiex ma jwiegebx ghad-domandi li sarulu. Pero sussegwentement irrilaxxa stqarrija ohra, bil-lingwa ngliza, (fol 58 sa 61 et seq ibid). F'din hu stqarr li kien jaf li "my best and only friends" kellhom jithallsu xi flus mill-istess Jason Mizzi u dan in konnessjoni ma' xoghol esegwit mill-istess hbieb tieghu. Fil-fatt madwar jumejn qabel l-incident f'san Gwann, hu kien mar flimkien ma

hbiebu f'Burmarrad "to assist them if anything happens" fejn hemm, ghall-ewwel darba, kien iltaqa mal-istess Jason Mizzi. Hawnhekk waqt diskors dwar jekk kienx sar il-kejl tax-xoghol esegwit, u jekk hux ser isir il-pagament dovut, Jason Mizzi kien hareg mill-karozza fejn kien, u imbotta wiehed minn shabu li da parti tieghu irrejagixxa bl-istess mod. In oltre, Jason Mizzi rega dahal lura fl-istess karozza u saqha fid-direzzjoni taghhom. Hawnhekk l-akkuzat ta daqqa fuq il-bieba ta' wara fuq il-lemin tal-istess karozza. In oltre, minn garage fil-vicin qabad martell u kif Jason Mizzi mexa lejh, dan l-akkuzat tah daqqa bl-istess martell fuq rasu izda Jason Mizzi xorta wahda mexa lejn il-karozza tieghu u saq 'l hemm. Madwar jumejn wara, hu u shabu ddecidew li jergghu jzuru lil Jason Mizzi, dejjem ghall-istess skop. Ghall-habta tal-3.55 pm Jason Mizzi wasal fl-ufficju tieghu f'san Gwann. Hawnhekk ittiehdet id-decizzjoni li "we were to take malletts because we felt again that we were going to be overpowered". Di fatti hu ha mieghu "the smallest mallet" u l-istess akkuzat kien it-tieni wiehed li dahal fl-istess ufficju bil-mazza f'idu. Wara li Jason Mizzi, aktarx, qal li ma kienx ser jaghmel pagament, dan gie milqut u waqa mal-art u l-akkuzat sema l-hoss ta' rasu tolqot l-art. Dak il-hin wiehed mill-impjegati fl-istess ufficju intervjena izda l-akkuzat qallu sabiex "... not to interfere because you will be next". Matul dan l-incident hu stqarr li kien laqat lil Jason Mizzi ghal darbtejn fuq in-naha ta' wara ta' rasu waqt li spjega li dawn id-daqqiet kienu nghataw minnu ".... by making contact with the head softly and then pushed down ....." sabiex " to allow (wiehed minn shabu) to reach into his pockets and get the money as planned with as minimum damage as possible and leave": Pero meta ra l-kundizzjoni li fiha kien spicca Jason Mizzi, hu hareg il-barra. Fl-ahhar tal-istqarrija tieghu, l-akkuzat stqarr li kien iddispjacut ta' dak li kollu li gara.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in difeza gew prodotti s-segwenti provi kif ser jinghad:

a) L-akkuzat <u>Nikolai Borg Olivier</u> xehed f'zewg okkazjonijiet (fol 357 u 441 et seq ibid). Fix-xhieda tieghu

hu kkonferma, taht gurament u fis-sustanza, dak li kien stqarr bil-miktub lill-pulizija kif hawn fuq premess. Fil-bidu tax-xhieda tieghu, hu, wara li spjega kif kien sar habib tal-akkuzati l-ohrajn kif ukoll isibilhom xoghol, semma li kien agixxa kif agixxa f'dan il-kaz minhabba dak li hu sejjah bhala 'gratitude' u 'friendship' fil-konfront taghhom u mhux minhabba xi premju ('percentage') kif kien semma fl-istess stqarrija tieghu. In rigward l-incident f'Burmarrad, fix-xhieda tieghu, kontrarjament ghal dak li kien stqarr originarjament hu semma li kien ra lil Jason Mizzi johrog ('pull out') xi haga mill-but tieghu kif ukoll illi "... Jason Mizzi was armed". In oltre kien sar jaf, minn wiehed mill-istess hbieb illi Jason Mizzi kellu zewg armi tan-nar, izda "..... I never saw these weapons". L-akkuzat kompla jsostni li "... we took whatever we took", fl-incident f'san Gwann minhabba dak li kien gara fl-incident precedenti fejn Jason Mizzi kien saq fid-direzzjoni tieghu u tal-ohrajn. Hawnhekk kontrarjament ghal dak li xehed qabel l-istess akkuzat sahaq illi fl-incident precedenti hu kien ra lil Jason Mizzi "pull out a fire arm from an inside pocket" u dan bizzejjed u sufficjentement sabiex jara l-istess arma deskritta minnu bhala "a small calibre fire arm". Dwar dak li gara f'san Gwann hu testwalment qal "....I saw Jason Mizzi fall straight down. Before he fell down, I did not hurt him with the mallett but I pushed him gently down with the mallet". Dwar l-istess bicca ta' ghodda hu kompla jghid illi kien hadha mieghu "to scare Jason Mizzi". In oltre, ma setax jispjega ghaliex dan kien waqa matul l-istess incident u li fih intervjena meta ra li s-sitwazzjoni kienet "out of control" u saret mehtiega l-assistenza tieghu waqt li semma li l-istess incident b'kollox ha ftit ta' zmien ('occured quickly').

b) Dan l-akkuzat ipproduca bhala xhud lil M<u>ario Caruana</u> (a fol 378 u fol 379 ibid) stazzjonat fid-Dipartiment tax-Xoghol u dan sabiex jghid illi madwar tmintax impjegat (izda mhux l-akkuzati) ta' Jason Mizzi kienu gew fl-istess dipartiment sabiex, fi zminijiet differenti, jaghmlu rapport dwar nuqqas ta' hlas da parti ta' Jason Mizzi ta' pagi, u bonuses dovuti lilhom, liema kazijiet kienu ghadhom pendenti.

c) Fuq talba tal-istess difiza giet ukoll esebita l-fedina penali tal-istess Jason Mizzi u aktar l-isfel ser issir referenza ghal dak li jinsab imnizzel a fol 384 tal-atti.

d) Oliver Giordano (fol 389 et seq ibid), wara li spjega x'tip ta' xoghol kien jesegwixxi fuq inkarigu ta' Jason Mizzi, hu rrefera ghal kemm kien difficli sabiex dawn jithallsu ghax-xoghol esegwit anke "in parte". Inkwantu in rigward l-incident li gara f'Burmarrad, fejn kien mar sabiex jithallas, l-istess debitur kien imbottah u anke saq il-karozza tieghu fid-direzzjoni tal-istess Giordano. Xi ftit granet wara, l-istess akkuzat kien mar, kif akkumpanjat, sabiex isir tentattiv iehor biex jitkellem mieghu fl-ufficju ta' dan f'san Gwann. Meta dahal hemm, l-istess akkuzat kellu martell f'idu. Pero meta Jason Mizzi kien hareg minn naha ta' wara tal-istess ufficju "Ma nafx kif, pero, Jason Mizzi .... zelaq u waqa, habat rasu (mal-art) u baqa mal-art". In rigward dik il-bicca ta' ghodda li ssemmiet, u li kienet f'idu " .... ma ghamilt xejn biha" u (lil Jason Mizzi) " .... ma messejtux". Dan l-akkuzat xehed li kien minnu li kien stqarr lill-pulizija "li jiena kont tajt daqqa lil Jason Mizzi, izda .... kont qed nibza, pero fl-istess waqt ridt naqsam ir-responsabbilita .... mal-ohrajn". Di fatti b'referenza ghal dak li kien stqarr originarjament, illi kien ta daqqa bil-mazza, jew martell imsemmi, lil Jason Mizzi "... peress li hsibt li kien ser johrog arma". Hu xehed li ".. il-verzjoni li qed naghti illum hija l-verita". Hu kompla jsostni fil-kontro ezami tieghu, illi kien ha mieghu il-mazza sabiex jiddefendi lilu nnifsu minhabba dak li kien gara precedentement f'Burmarrad.

e) Antoine Mangion (a fol 400 et seq ibid) wara li fil-qasir spjega dak li kien gara f'Burmarrad, sostna li f'san Gwann avolja kellu mazza f'idu " ma sawwatx lil Jason Mizzi" u " ... lanqas biss ma tajtu xi daqqa b'din il-mazza". Di fatti kien ha l-istess ghodda ".. peress li kont nibza minn Jason Mizzi stante li .... kien saq ghal fuqna" u semma li l-istess debitur kien bniedem "vjolenti" u " .. dejjem ikun armat". Hawnhekk jinghad, li fil-kontro ezami tieghu, dan l-akkuzat b'referenza ghall-istqarrija rrilaxxata minnu lill-pulizija u iffirmata minnu u mistoqsi jekk kienx dispost li jikkonfermaha "qua" kontenut, hu testwalment qal "jekk

iffirmajtha, nahseb". In oltre waqt l-incident in ezami, hu xehed in ri-ezami, illi meta dan l-incident kien qed jigri hu kien " ...fil-bieb ta' barra tal-ufficju" ghax kien qed jibza, cioe vicin hafna ta' fejn l-istess incident kien qed jizvolgi ruhu. In oltre in rigward l-ahhar parti tal-istqarrija msemmija "fejn hemm referenza ghal komplicita tieghi ..." hu qal "Jiena ghidt il-kelma iva ghax kont fil-post mhux biex insawwat lil Jason Mizzi izda biex nithallas".

Ikkunsidrat

Illi dawn huma il-provi in ezami u a bazi taghhom l-istess Qorti taghmilha cara mill-bidu nett illi meta analizzat dak li stqarru u xehedu l-akkuzati, hi ottemprat ruhha ma' dak li hu specifikat fl-artikoli 658 u 661 tal-Kodici Kriminali fis-sens li "konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra minn jaghmilha u mhux ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra". In rigward dan, il-Qorti applikatu kemm vis-a-vis l-istqarrijiet msemmija u sintetizzati kemm vis-a-vis dak li xehedu l-istess akkuzati.

Ikkunsidrat

Illi dan premess, kif jidher mill-'artikoli' kif mahruga mill-Avukat Generali, dan iddecieda li jakkuza lit-tlett akkuzati ta' offiza gravi volontarja fuq il-persuna kif specifikat fl-artikoli 216(1)(a)(b)(c)(d), liema delitt kien akkumpanjat bi vjolenza pubblika u sar bl-uzu ta' armi regolari jew irregolari kif stipulat fl-artikoli 63 u 64 tal-istess Kodici. In oltre, huma wkoll akkuzati tal-kontravenzjonijiet skond l-artikolu 338 (dd) dejjem tal-istess Kodici ossija ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'mod volontarju.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-akkuza ta' ferita gravi jew feriti gravi maghmulin volontarjament u intenzjonalment da parti tal-akkuzati, mill-provi prodotti rrizultaw is-segwenti, minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni:

a) Mill-provi medici prodotti rrizulta li l-istess Jason Mizzi kellu diversi feriti, direttament kemm mal-incident f'san

Gwann u dak precedenti f'Burmarrad kif deskritt a fol 43 tal-atti kif ukoll b'mod dettaljat mit-Tabib Kirurgu Anthony Zrinzo. Hawnhekk tinsab deskrizzjoni ta' diversi feriti li gew kostatati fuq il-parti lesa, kollha f'rasu, specifikatament 'compound depressed fracture' fuq ix-xellug, farrett fuq in-naha tax-xellug tal-geddum kif ukoll tnejn ohra fuq in-naha tax-xellug wkoll. In oltre, waqt l-operazzjoni, instab f'mohh l-istess ferut, kien hemm kontizjonijiet. Oltre li jidher evidenti li dawn il-feriti kienu ta' natura gravi u anke rrizultaw f'diffikulta da parti tal-istess parti lesa sabiex jitkellem u jaghlaq idu l-leminja, jidher ukoll car li l-istess feriti kienu rizultanti ta' diversi daqqiet u mhux ta' semplici waqa kif gie allegat minn Oliver Giordano fix-xhieda tieghu. Ta' min jaccenna wkoll li kien ra lil Jason Mizzi jizloq u jahbat rasu mal-art. Dan certament ma jistax jispjega kif Jason Mizzi spicca b'diversi feriti f'rasu, kif hawn fuq deskritti. Konsegwentement qed jigi eskluz mill-Qorti li Jason Mizzi seta wegga waqt l-incident in ezami b'mod involontarju a bazi ta' dak li allega Oliver Giordano.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu li l-akkuzati Oliver Giordano u Antoine Mangion kienu gew inkarigati sabiex jesegwixxu xoghol fuq inkarigu tal-istess parti lesa, in rigward liema xoghol dan ma kienx hallashom. Jidher li kemm l-incident li zvolga ruhu f'Burmarrad, kemm dak aktar gravi li sar fl-ufficju gewwa san Gwann, originaw minhabba dan il-fatt.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu wkoll li in rigward l-incident f'Burmarrad, l-istess parti lesa kien tressaq quddiem il-Qorti u kien instab hati kif jidher mill-fedina penali tieghu (fol 384 ibid) ta' tentattiv ta' ferita gravi fil-konfront tat tlett akkuzati u dan billi saq karozza fid-direzzjoni tal-istess tlett akkuzati. Dwar din is-sentenza, ghandu jinghad, li kif raportata fl-istess fedina penali esebita, wara talba maghmula mill-akkuzat Nikolai Borg Olivier, ma tissemmiex xi tip ta' arma regolari jew irregolari li ntuzat jew kienet detenuta minn Jason Mizzi. Ghalhekk jidher wisq improbabbli li dak li

allega dan l-akkuzat fix-xhieda tieghu dwar dan il-punt effettivament gara, u din il-Qorti ssibha difficli sabiex temmen dak li xehed dan l-akkuzat fuq l-istess punt.

Ikkunsidrat

Illi gie pruvat wkoll li qabel ma dahlu fl-ufficju ta' Jason Mizzi f'san Gwann, it-tlett akkuzati hadu maghhom tlett mazez li ghandhom jigu kunsiderati, ghal kull effett u fini fil-ligi, bhala "armi regolari" skond kif definiti fl-artikolu 64(2) tal-Kodici Kriminali ossija ghodod li saru armi ghax "... fil-fatt jigu wzati ghall offiza ....".

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzati fl-istess ufficju marru hekk armati minghajr provokazzjoni mmedjata izda sabiex jikkonfrontaw lil Jason Mizzi dwar il-flus dovuti lil tnejn minnhom.

Dan qed jinghad peress li sabiex kaz bhal dak in ezami jista jitqies skuzabbli minhabba provokazzjoni, l-akkuzati ghandhom juru li agixxew "... minhabba sahna tad-demm" kif jinghad fl-artikolu 227 (c) u 230 tal-istess Kodici. Dwar dan ghandu jissemma li dejjem gie ritenut, li minn ipprovoka hu stess sitwazzjoni bhal dik in ezami, ma jistax jitqies li agixxa f'dan l-istat mentali sabiex jipprevalixxi ruhu minnu u konsegwentement l-agir tieghu ma jistax jigi ritenut skuzabbli.

Ikkunsidrat

Illi dan premess u eskluz kull hjiel ta' prova attendibbli li l-akkuzati agixxew kif agixxew, motivati minn difeza legittima jidher li l-akkuzati, meta marru fl-istess post kienu qed jagixxu bl-intenzjoni generika rikjesta mill-ligi f'kazijiet ta' feriti u offizi volontarji. Dwar dan il-Qorti qieset bir-reqqa dak li xehedu Joseph Genovese u Julie Ghirxi. L-ewwel wiehed espressament qal li wara li sema hoss ta' tahbita u persuna taqa, hu stess kien ra lil Jason Mizzi jaqla tlieta jew erba' daqqiet permezz ta' mazza f'idejn l-akkuzat Nikolai Borg Olivier waqt li Oliver Giordano indirzza kliem minaccjuz fil-konfront tieghu fis-sens li dan

kien ser jaqlaghha wkoll jekk ma joqghodx fejn kien. In rigward Julie Ghirxi hi semmiet li kient rat “persuna” (ossija l-akkuzat Nikolai Borg Olivier) b’martell f’idha u li semghatha thedded lill-istess Genovese. In oltre kienet semghet hoss, deskritt minnha testwalment bhala “a person smashing coconuts”. Dwar l-istess incident kienet ukoll innotat persuna ohra vicin il-bieb ta’ barra, cioe Antoine Mangion, deskritt minnha bhala persuna li ma kienitx irrabjata, li ma kienitx taf x’qed taghmel u li f’idha ma kienitx rat xi oggett.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk jkun opportun li ssir komparazzjoni bejn dak li stqarrew l-akkuzati u dak li xehedu “viva voce” quddiem l-istess Qorti:

a) Antoine Mangion stqarr li kien hu stess li hareg l-ghodod in kwistjoni minn fejn kienu qabel ma dahlu fl-ufficju tal-parti lesa wara li ttiehdet id-decizzjoni dwar dan. Hu kompla jghid, fl-istess stqarrija, li hu ma kienx ta’ xi daqqa lil Jason Mizzi waqt dan l-incident mhux ghax ma riedx jaghmel dan, anzi l-oppost, “ghax ma stajtx nghaddi”. Ta’ minn jinnota, li hu spicca jghid u jistqarr, li kien jiddispjacih biss li ma thallasx, waqt li kien ukoll sodisfatt b’dak li gara. Meta pero, xehed hu qal li kien ha l-istess mazza ghax kien jibza minn Jason Mizzi ghax dan kien vjolenti u dejjen ikun armat. Pero fl-istess xhieda b’referenza ghall-istess stqarrija hu qal li “nahseb li nikkonfermaha” ‘qua’ kontenut jekk iffirmajtha” kif fil-fatt kien ghamel.

b) Nikolai Borg Olivier stqarr dwar l-incident f’Burmarrad, li hawnhekk kien ta daqqa b’martell fuq ras Jason Mizzi, fatt evidenzjat mill-ferita antika u mehjuta li kien ikkostata t-tabib Anthony Zrinzo. In rigward l-incident f’san Gwann hu stqarr li oltre li qal lil Joseph Genovese sabiex ma jindahalx, kien laqat ghal darbtejn lil Jason Mizzi, bil-mod kif hu, l-akkuzat iddeskriva fl-istess stqarrija. Skond kif stqarr hu stess, dan kien ghamlu sabiex ikun hemm il-possibilita sabiex mill-bwiet ta’ Jason Mizzi setghu jinhargu l-flus kif ippjanat. Waqt ix-xhieda tieghu hu kkonferma l-kontenut tal-istess stqarrija.

c) <u>Oliver Giordano</u> kien stqarr li kien ra lil Jason Mizzi jdahhal idu fil-but u johrog oggett. Ghalhekk hu uza l-istess mazza billi laqat lil dan fuq rasu jew ghonqu. Bhala konsegwenza ta' dan, Jason Mizzi kien waqa mal-art. Pero meta xehed dan l-akkuzat bidel il-verzjoni tieghu billi qal li Jason Mizzi waqa mal-art ghax zelaq u habat rasu mal-art. Hu ggustifika din il-bidla billi qal li kien ispirat b'certu sens ta' "comaraderie" u ried jaqsam ir-responsabbilita ta' dan l-incident mal-ohrajn.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi meta jigu meqjus dak kollu premess il-Qorti tinsab konvinta, minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni li t-tlett akkuzati flimkien, ippartecipaw attivament u intenzjonalment fil-kummissjoni tal-akkuzi addebitati lilhom u dan billi eskogitaw pjan sabiex bl-uzu tal-ghodod imsemmija setghu jigbru l-istess flus dovuti lil Oliver Giordano u Antoine Mangion. Mill-premess jidher li kollha kemm huma hadu parti attiva f'dak kollu li gara u kienu kopartecipi fih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzati hatja talli, it-tlieta flimkien, fil-5 ta' Jannar 1996, ghall-habta ta' bejn l-3.45 pm u l-4.15 pm fil-fond "Helpline Limited" li jinsab fit-Triq Bellavista, kantuniera ma' Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, ikkommettew offiza gravi fuq il-persuna ta' Jason Mizzi u dan permezz ta' arma rregolari kif ukoll talli fl-istess data, hin u lok volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika u dan skond l-artikoli 216 (1) (a) (b) (c) (d), 63, 64, u 33 (dd) tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena li ghandha tigi applikata, l-ewwel ser isir referenza ghall-fedina penali rispettiva tal-istess akkuzati.

a) <u>Nikolai Borg Olivier</u> jidher li kien ikkommetta biss reat wiehed u kien inghata 'canfira' jew 'twiddiba'.
b) <u>Anton ossija Antoine Mangion</u> dan kellu fedina penali netta u nadifa ghal kollox.
c) <u>Oliver Giordano</u> kien instab hati tal-istess reat bhal Nikolai Borg Olivier u kien inghata l-istess piena. In oltre

kien instab hati wkoll ta' kontravenzjoni dwar ksur ta' regolament tat-traffiku.

Fit-tieni lok giet nnotata l-eta tal-akkuzati meta gara l-incident in ezami cioe Nikolai Borg Olivier kellu 21 sena, Oliver Giordano kellu 19 il-sena u Antoine Mangion kellu 16 il-sena.

Fil-fatt jidher li Antoine Mangion ghandu jizufruwixxi mill-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali, fis-sens li l-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi.

Fl-istess waqt il-Qorti ma setghetx tinjora l-gravita ta' dan il-kaz, li seta kellu konsegwenzi aktar gravi minn dawk li fil-fatt irrizultaw.

Dan premess, in rigward l-akkuzat Nikolai Borg Olivier u Oliver Giordano jidher li permezz ta' dan l-incident ikkommettew l-ewwel reat gravi ta' hajjithom u ghalhekk ikun opportun li ma tigix imposta piena ta' prigunerija applikabbli minnufih u ghalhekk ghandhom jizufruwixxu mill-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, 'l hekk imsejjha 'sentenza sospiza' sabiex isservi ta' deterrent kif ukoll fl-istess waqt tissodisfa l-iskop reformattiv tal-piena inflitta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, tenut kont tal-Artikolu 65 ibid tikkundanna lil Nikolai Borg Olivier u Oliver Giordano ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospiza ghal perjodu ta' sena bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor, soggett ghal prigunerija, fi zmien sena millum stess.**

In rigward l-akkuzat Antoine Mangion, minhabba dak li diga inghad in rigward l-eta tieghu, kif ukoll dak gia premess, hu opportun li dan jehel piena pekunjarja b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

**Ghalhekk il-Qorti tikkudannna lill-akkuzat Antoine Mangion ghal piena ta' LM400 (erba' mitt lira maltin) multa.**

In oltre, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna lill-akkuzati sabiex ihallsu, “in solidum” bejnithom, l-ispejjes kollha in konnessjoni ma’ konferma u nomina ta’ esperti waqt dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat l-effetti ta’ din is-sentenza liz-zewg akkuzati li nghataw is-sentenza ta’ prigunerija sospiza, f’kaz ta’ ksur tal-istess sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------